**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 729/2022 GM**

**Ronald Azzopardi K.I. 75679(M)**

**vs**

**Bryden Azzopardi K.I. 0104090(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf ta' Ronald Azzopardi mressaq bil-proċedura sommarja speċjali li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> 1, Ronald Azzopardi K.I. 75679(M) huwa kreditur tar-intimat Bryden Azzopardi K.I.014090(M) fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000.00), rappreżentanti assenjazzjoni u trasferiment b'titolu ta' bejgħ mir-rikorrent lill-intimat mobbli li aċċetta l-mobbli ossia inġenju tal-bini konsistenti f'Gaffa tal-għamla Hyundai Robex 80cr-9 serial number HHKHZ101VE0000739 u dan versu s-somma bonarjament konvenuta bejn il-partijiet ta' tletin elf ewro (€30,000.00) oltre l-Value Added Tax;
>
> 2. Minkeiia interpellat iħallas dan l-ammont anke permezz ta' ittra uffiċjali datata l-24 t'Awwissu tas-sena 2021, l-intimat baqa' inadempjenti;
>
> 3. Dana d-debitu huwa ċert likwidu u dovut u sa fejn jaf ir-rikorrenti, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jissoleva f'din il-kawża;

4. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Aritikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna a tenur tal-Arikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smigħ;

2. Tiddikjara lill-intimat huwa debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000.00);

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attur is-somrna ta' tletin elf ewro (€30,000.00) dovuta kif fuq ingħad.

Rat li meta ssejħet il-kawża fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2022, deher l-attur assistit li ghal kull buon fini ta ruħu b'notifikat bl-avviż ta' smigħ tal-kawża. Deher ukoll il-konvenut Bryden Azzopardi assistit li għal kull buon fini ta' ruħu b'notifikat bir-rikors u bl-avviż ta' smigħ tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-konvenut ma tax prova, bil-ġurament tiegħu jew xort'oħra, li fil-fehma tal-Qorti hija biżżejjed biex turi li għandu eċċezzjonijiet prima facie, fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-mertu tal-azzjoni u lanqas ma ġieb xort'oħra fatti jew punti ta' liġi li huma biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew jagħmel kontrotalba.

Rat li ħalliet il-kawza għal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat li t-talbiet attriċi huma ġustifikati skont il-liġi.

***Decide***

Għaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta’ €30,000.00.

3. Tilqa’ t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma dovuta kif fuq ingħad.

Spejjeż a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF